A.L. 75 ta' l-1989

ORDINANZA DWAR IL-PORTIJIET (KAP. 170)

Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 25, 26 u 42 ta' l-Ordinanza dwar il-Portijiet, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1975 dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 163 ta' l-1975.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subparagrafu (b) tal-paragrafu (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ħamsa u għoxrin sena" għandhom jidħlu l-kliem "tlieta u għoxrin sena".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok il-paragrafu (b) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) għandu wkoll jipproduċi prova ta' għall-anqas ħames snin servizz fuq il-baħar li jinkludi servizz fuq il-baħar fil-portijiet: iżda l-imsemmi perjodu ta' ħames snin jista' jitnaqqas għal erba' snin fil-każ ta' persuni li jkollhom iċ-ċertifikat jew ċertifikat ekwivalenti kif imsemmi fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament.".

Jemenda r-regolament 46 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fil-paragrafu (1) tar-regolament 46 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem ", iżda dik il-persuna la tkun avukat u lanqas prokuratur legali" għandhom jitħassru.